30 ta' Lulju, 1964

Imħallef:

**Onor. M. Caruana Curran, B.A., LL.D.**

Joseph Scicluna et

*versus*

Maria Calleja et

**Diviżjoni — Liċitazzjoni — Sorteġġ — Assenjazzjoni — Art. 541, 547, 552.**

*Id-disposizzjoni ta' l-artikolu 541 tal-Kodiċi Ċivili, illi fid-diviżjoni wieħed għandu jħittex li jdaħħal f'kull sehem l-istess kwantità ta' ħwejjeġ mobbli, immobbli, jeddijiet jew kreditu ta' l-istess xorta u tal-istess valur, mhux obbligatorja u tagħti biss norma ġenerali sabiex iħittex kemm jista' jkun illi jsegwiha. Din id-dispożizzjoni ma tirrikjedix illi fil-każ illi ma tkunx tista' tiġi segwita "ad letteram" il-beni mmobbli kollha għandhom jiġu mibjugħa in liċitazzjoni.*

*Il-liċitazzjoni ssir inevitabbli biss fejn il-beni komuni ma jkunux konodament diviżibbli jew fejn ikun hemm xi beni illi ebda waħda mill-partijiet ma tkun tista' jew ma tkun trid toħodha.*

*Fid-diviżjoni l-ishma għandhom jiġu mtellgħin bix-xorti, iżda meta l-ishma ma jkunux ugwali l-Qorti għandha id-diskrezzjoni illi tiddetermina jekk l-ishma għandhomx jiġu mtellgħin bix-xorti jew mqassma b'assunjazzjoni għal kollox jew in parti.*

*Meta l-ishma jkunu ugwali l-assenjazzjoni ma tistax issir ħlief bl-akkordju unanimi tal-kondividenti.*

Il-Qorti,

Omissis.

Ikkunsidrat:

Omissis.

7. Jiġu stabiliti l-ġurnata, ħin u lok għall-pubblikazzjoni tal-att opportun ta' likwidazzjoni u diviżjoni billi jiġi nominat Nutar għal pubblikazzjoni tal-att u kuraturi għar-rappreżentanza tal-kontumaċi; bl-ispejjeż.

Omissis.

Mentri l-atturi fiċ-ċitazzjoni talbu li l-ishma jiġu mtellgħin bix-xorti bejn il-kondividenti, il-konvenuta Georgina Ellul talbet u insistit tant fit-trattazzjoni orali kemm b'diversi noti li waqt li hi ma kelliex oġġezzjoni li s-seba' porzjonijiet l-oħra *jiġu sorteġġati bejn il-kontendenti* l-oħra ħutha u neputijiet, l-ottava porzjoni tiġi mill-ewwel assenjata lilha, u dana għar-raġuni li dik il-porzjoni tikkomprendi d-dar 38/40 Eucharistic Congress Road, Mosta, ġia okkupata mill-ġenituri komuni, u minnha wkoll okkupata waqt li kienet xebba, u fejn baqgħet wara li żżewġet sallum, dar deskritta taħt in-Numru 12 tar-relazzjoni Cutugno bħala posta f'waħda mit-toroq ewlenin tal-*Mosta, stmata bħala libera u franka £3,200. Hija insistit għal* dina l-assenjazzjoni jew attribuzzjoni favur tagħha għaliex wara li żżewġet u tilfet l-użufrutt, ħutha l-kompropretarji l-oħra rrifjutaw li jagħtuha titolu ta' lokazzjoni u għalhekk hemm il-perikolu pjuttost qawwi li fis-sorteġġ dina l-porzjoni tmiss lil xi wieħed mis-seba' kondividenti l-oħra u hija mbagħad tiġi kostretta titlaq minn din d-dar minħabba nuqqas *ta' titolu għall-okkupazzjoni. Kompliet żiedet li l-fatt li dawk* minn ħutha li xtaqu jibqgħu il-Mosta ġew mogħtija lokazzjoni ta' dar ereditarja u li l-oħrajn li marru joqgħodu barra mill-Mosta urew li m'għandhomx interess jokkupaw din id-

dar, jiddimostra li dan irrifjut tagħhom, speċjalment ta' ħuha Joseph, l-esekutur testamentarju, li intant ikkunċeda b'lokazzjoni fond ereditarju (Nru 40 l-istess triq) ieħor lill-konvenuta Carmela Muscat, huwa ġie min spirtu emulativ. Qalet ukoll li l-assenjazzjoni ta' din il-porzjoni lilha ma tistax tkun ta' ħsara għall-oħrajn u li l-ġurisprudenza, li hija ma aċċettatx, tiffavorixxi b'teżi minnha avvanzata għall-finijiet tal-ekwità.

12. Il-Qorti ħadet din it-talba tal-konvenuta Georgina Ellul, fl-aqwa konsiderazzjoni, u speċjalment billi anke l-għaref perit legali irrakomanda in vista ta' dak li huwa ħass għandha tkun l-ekwità fir-relazzjonijiet bejn l-aħwa, u tħoss li, fl-istat tal-ġurisprudenza t-talba tagħha timmerita studju akkurat. Il-Kodiċi, fit-titolu fejn jittrata l-ġudizzju communi dividendo (art. 547) jiddisponi li l-ishma għandhom jiġu mtellgħin bix-xorti; u fil-kapovers jħalli fil-pendenti arbitriju tal-Qorti, fil-każ li l-ishma ma jkunux ugwali, li tiddetermina jekk l-ishma għandhomx jiġu mtellgħin bix-xorti jew mqassma b'assenjazzjoni għal kollox jew in parti. Fl-art. 948 fejn tittratta l-ġudizzju de familiae erciscundae, il-Kodiċi mbagħad jipprovdi li d-dispożizzjonijiet tas-subtitoli II u III tat-titolu V tat-Taqsima I tat-tieni ktieb tal-Kodiċi (li minnhom l-art. 547 jifforma parti) għandhom jiġu applikati. Issa l-vot tal-liġi huwa ċar; l-ishma għandhom jiġu mtellgħin bix-xorti u d-diskrezzjoni tal-Qorti li tagħżel bejn is-sistema tal-attribuzzjoni u tas-sorteġġ, f'kollox jew in parti, issib applikazzjoni biss fil-każ fejn l-ishma huma inegwali. Biex wieħed jara jekk l-ishma humiex egwali jew le l-Qorti għandha tħares esklusivament bejn il-Comunjoni li trid tiġi diviża fil-mument tal-bidu tagħha u mhux lejn fatti posterjuri ta' akkwist ta' ishma, jew ta' ekwiparazzjonijiet meħtieġa fl-operazzjonijiet tad-diviżjoni jew lejn in-neċessità tas-suddiviżjoni. F'dan il-każ il-partijiet jikkonsegwu għall-eredità f'partijiet ugwali, iġifieri f'ottava parti kull wieħed. Għalhekk il-porzjonijiet għandhom jiġu mqassma bix-xorti. F'dan is-sens hija wkoll il-ġurisprudenza nos-

trali fejn ġie ritenut li d-dispożizzjoni tat-tieni sub artikolu tal-art. 547, tidderoga għall-ugwaljanza li għandha tiġi osservata *bejn il-partijiet, fis-sens li għandu jsir s-sorteġġ*, u għalhekk, bħala limitazzjoni tar-regola ġenerali dik id-dispożizzjoni ma *għandhiex tiġi estiża oltre t-termini li fihom tnsab konċepita* (Gouder vs. Zahra, T.A. 19 Nov. 1898, Vol. XVI, ii, 341 fejn intqal ukoll b'referenza, għal sentenzi preċedenti f'sens konmi tal-Qorti tal-Appell f'ismijiet **Mallia vs Dr. Falzon** 21 ta' April, 1887, Vol. VI, 303, u għal sentenza tal-Kassazzjoni **Franċiża** riportata fil-Journal du Palais, li l-opinjoni kuntrarja timposta dritt ta' għażla kontra l-vot tal-liġi; ara wkoll **Spiteri** *vs. Spiteri, T.A. 25 ta' Ġunju, 1935, Vol. XXIX, ii, 586, fejn* il-Qorti għal darb'oħra rrifjutat teżerċita l-arkitrijn prudenzjali tagħha f'każ fejn il-kwoti kienu ugwali bħal f'dan il-każ);

13. Illi s-sentenza ta' din il-Qorti tat-12 ta' Frar, 1947 fl-ismijiet **Camenzuli vs. Terez** pubblikati fil-Vol. XXXIII, ii, 32 mhiex tant rilevanti għal dan il-każ għax il-Qorti hemmhekk kienet qegħda tikkonsidra l-kwoti bħala disugwali. B'dana kollu f'dik is-sentenza kif ukoll fis-sentenza tal-24 ta' Jannar, 1948, Tortelli vs. Tortelli pubblikata fl-istess volum a *paġ. 190 tat-tieni parti din il-Qorti għalkemm kienet presjeduta* bl-istess mod kif kienet meta tnax u tlettax-il sena qabel ippronunzjat ruħha fil-kawża **Spiteri vs. Spiteri** fuq ċitata, iddiskostat ruħha sew mill-ġurisprudenza anterjuri u qalet li r-regola tad-distribuzzjoni bix-xorti meta l-kwoti huma ugwali ma kienitx inflessibili imma waħda li kellha tiġi segwita biss bħala norma meta ma jkunx hemm raġunijiet speċjali in kuntrarja u ma jkunx hemm preġudizzju tal-partijiet.

14. Illi dawn l-aħħar żewġ sentenzi milli jidher huma espirati għall-ġurisprudenza taljana ċitata fil-kollezzjoni tal-Fadda taħt l-art. 996 tal-Kodiċi Taljan tal-1865 simili għall-art. 547 tagħna, fin-numru 114, 118, 120, 122, 123, 125). F'dawk il-każijiet ġie suġġerit li anke fejn il-kwoti huma

ugwali l-Qorti tista' tallontana ruħha mir-regola tas-sorteġġ meta l-Imħallef ikun jidhirlu sewwa, bħal, per eżempju, meta xi kondivident ikollu iżjed minn kwota waħda (114), jew ikun hemm xi raġuni speċjali oħra, mhiex preċisata f'din ir-riferenza (118), jew ikun sejjer isir dannu li jista' jiġi evitat bl-assenjazzjoni (122), jew meta ikun daħal spirtu ta' pika jew emulativ (123), jew biex wieħed mill-kondividenti jottjeni l-porzjoni fejn hemm ħaġa li jkun biegħ lil xi estraneu (125). In-numru 120 jidher irrilevanti. B'dana kollu huwa ċar, anke meta wieħed jeżamina il-Fadda, li din hi ġurisprudenza eċċezzjonali u ta' minoranza kuntrarja għall-ġurisprudenza dominanti superjorment ċitata fin-numru 100, 101, 102, 103, 104 u 109, kompriżi sentenzi tal-għola Qrati tal-Cassazzjoni, fejn ġew magħmula osservazzjonijiet li ma jistgħux ma jolqtux bil-ġustizzja u bis-sobietà imparzjali lil min jiġi biex jiġġudika l-istess punt illum, ċioè li l-estrazzjoni bix-xorti għandha li skop li żżomm lil kulħadd ugwali u li ħadd ma jkollu l-favur jew privileġġ tal-għażla; li l-estrazzjoni hija l-aqwa garanzija tal-imparzjalità u għalhekk il-leġislatur ma jirrinunzjax għaliha ħlief f'każ wieħed, dak tal-irregwaljanza tal-kwoti li jirrendi s-sorteġġ impossibli, u li l-ġudikant li jattribwixxi lil wieħed mill-kondividenti ċespit determinati a preferenza tal-oħrajn ikun qiegħed jissostitwixxi ruħu għall-liġi. U ta' bilħaqq il-każ tal-konvenuta Ellul lanqas ma jixbaħ neċessarjament lil dawk tal-ġurisprudenza taljana eċċezzjonali fuq riferiti għax il-"hardship" minnha allegat mhuwiex tant kbir daqs kemm qegħda tpinġih, għax bil-kwota tagħha min din l-eredita hija dejjem tista' takkwista jew tikri post ieħor tal-abitazzjoni, u b'liema kriterju, mingħajr verament ma jirrendi ruħu leġislatur, jista' l-imħallef sedenti f'dan il-każ jgħid li l-partijiet l-oħra ma kellhomx ir-raġunijiet tagħhom, piu o meno plausibili, imma dejjem raġunijiet tagħhom, biex ma jagħtuhiex lokazzjoni? Jekk huma ma jagħtuhiex lokazzjoni huwa żgur li, fil-każ li dik il-porzjoni tmiss lilhom, huma jkunu jistgħu jiddisponu mid-dar bi prezz aħjar, u ma hemm

xejn quddiem il-Qorti li dawk mill-aħwa li m'għadhomx jo-qgħodu l-Mosta ma jistgħux ikollhom li speranza u x-xewqa li jerġgħu morru joqgħodu f'pajjiżhom. Iżda fuq dawk ir-raġunijiet ta' sempliċi espedienza u prattika, li l-Imħallef mhu-wiex mseijaħ biex jidħol fihom, hemm il-vot tal-liġi kif interpretata fil-ġurisprudenza u fid-dottrina l-iżjed akkreditata tagħna, u ta' Franza u l-Italja, il-pajjiżi tal-oriġini tad-dispożizzjoni in kwistjoni. Ma jagħmilx differenza għal dan il-każ li fl-art. 834 tal-Kodiċi Ċivili Franċiż, korrispondenti għall-art. 547 tagħna u 996 tal-Kodiċi Taljan tal-1865, it-tieni kopovers ma ġiex ammess, għax, kif intqal, dak il-kopovers huwa applikabbli biss meta l-kwoti mhumiex ugwali. L-opinjoni prevalenti taljana tirriżulta *bl-iżjed mod reċis mid-Digesto Italiano* (ediz. 1925), Vol. 22 Tarte IV successioni, azione Ereditarie, para. 58b, pag 665, 666 ara wkoll Ricci, Diretto Civile, Vol. IV, para. 106, pag. 205, li jgħid li, ħlief fejn hemm l-akkordju tal-partijiet, id-dispożizzjoni tas-sorteġġ tal-kwoti ugwali mhijiex fakoltativa imma imperativa. Anki d-dottrina Taljana l-iżjed riċenti wara l-pubblikazzjoni tad-Diġest għadha l-istess, almenu kif riflessa fil-Kodiċi l-ġdid tal-1942 għax l-art. 729 reġa' d-dispona favur l-estrazzjoni bix-xorti tal-kwoti ugwali. Kwantu l-awtoritajiet Franċiżi, għalkemm ukoll ġie li tfaċċat xi vuċi vaċillanti, hija f'dan is-senstorevoli **Baudire Lacantinerie et Wahl**, suċċessjoni, Vol. III, para. 2552, pag. 118 fit-traduzzjoni taljana fuq il-bażi tal-ġurisprudenza kopjuża ċitata n-nota (2): "L'estrazione a sorte non però in nessun caso venir sostitwita con attribuzioni all'amichevole, anche quando ciò fosse nell'interesse dei condividenti". U, biex wieħed ikun ikkonsulta anki awtorità reċentissima, il-Tlaniol et Pipert *Traite Tratique de Droit Civil Francais, 1956 Tome IV Successions*, para 528, paġ. 731 wara li jippremettu li l-estrazzjoni bix-xorti timpedixxi lill-eredi li jaqsmu l-beni skond l-aħjar konvenjenza tagħhom, jikkonkludi: "Mais la loi est jormelle et la jurisprudence reponse avec raison toutes les tentatives qui sont faites pour proceder par voie d'attribution". L-assen

jazzjoni, fejn il-kwoti huma ugwali, għalhekk, ma tistax issir ħlief bl-akkordu unanimu tal-kondividenti, u, kif, ikomplu jgħidu l-istess Planiol et Pipert (ara wkoll Baudry-Lacantinerie et Wahl (op ert. para 2554), dan il-metodu amikevoli huwa iżjed u iżjed ċensurabili fejn ikun hemm il-minuri, li dejjem għandhom dritt għas-sorteġġ, salvo għall-komparteċipanti l-oħra, li jekk iridu jassenjaw lill-xulxin reċiprokament il-kwoti li jibqgħu wara l-minuri jkunu ipprevalew ruħhom mid-dritt tas-sorteġġ. Issa f'dan il-każ hawn il-minuri bint Giovanna Woods u kif fuq intqal (para 4A) dina sejra tieħu porzjoni in komuni pro indiviso ma oħta Maria Carmela Woods li llum assumiet l-atti.

15. Għar-raġunijiet premessi l-Qorti ma tistax taqbel maż-żewġ sentenzi pubblikati fil-Vol. XXXIII tal-Kollezzjoni u ċitati fil-paragrafu 13 ta' din is-sentenza, u tirrespinġi t-talba tal-konvenuta Giorgina Ellul biex l-ottava porzjoni tiġi millewwel assenjata lilha, iżda in vista taċ-ċirkostanzi tal-każ u tan-natura tal-perit legali dibattut tordna li fuq dan il-punt l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa. Il-quddiem il-Qorti sejra wkoll tagħti provvediment fakoltativ biex il-partijiet ikollhom, jekk iridu, opportunità li jibqgħu jirregolaw dan il-punt bl-akkordju tagħhom sakemm iż-żmien jippermetti u fil-limiti tal-liġi.

Omissis.